MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2003

Avvi$Z Numru. 47/1999/1

**Avviz Nru 47/99DM**

**Commonwealth Educational Society**

**Vs**

**Victor Debono**

## Il-Qorti

Rat l-avviz tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenut sabiex jhallas is-somma ta’ tlett mija u hamsa u tletin Lira Maltija (Lm335.00c) import tal-prezz ta’ diversi kotba lil-konvenut mibjugha u kkonsenjati mill-istess socjeta attrici skond l-iskrittura tal-18 ta’ Gunju, 1997 (Dok “A”) kif ukoll l-imghaxijiet legali sal-hlas effettiv u dana prevja dikjarazzjoni illi l-konvenut ddekada mill-beneficju tal-mod

u tat-terminu kif lil-konvenut koncess mill-istess socjeta attrici fl-istess Skrittura, u dana senjatament sew minhabba l-ksur tal-obbligi kuntrattwali tieghu fir-rigward tal-konsenja tal-kotba li kellhom jigu mill-konvenut accettati pero effettivament gew mill-konvenut rifjutati meta r-rappresentant tas-socjeta' attrici wasal biex jikkonsenjahhomlhu fit-terminu previst fl-iskrittura, kif ukoll minhabba l-inadempjenza da parti tal-konvenut rigwardanti l-kondizzjoni tal-hlas tal-prezz tal-kotba kif indikat fl-istess skrittura permezz ta' pagamenti rateali mensili li, ai termini tal-iskrittura, kellhom jibdew jigu mill-konvenut effettwati lis-socjeta attrici b'effett mit-18 ta' Awissu 1997, bir-rata ta' Lm9.00c kull wiehed, izda li baqghu ma sarux.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal- ittra legali tal-1 ta' Lulju, 1998, kif ukoll tac-Cedola ta' Depositu prezentata kontestwalment kontra l-konvenut, li gie ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Victor Debono fejn eccepixxa:

1. Preliminarjament il-preskrizzjoni tat-talba attrici a tenur ta' l-artikolu 2148 tal-Kasp 16 tal-Ligijiet ta' Malta
2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, il-gudizzju mhuwiex integru stante li mart il-konvenut ma gietx imharrka
3. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet, is-socjeta attrici ghandha qabel xejn iggib prova tar-rapprezentanza guridika u l-interess guridiku li ghandha in konnessjoni mal-kawza odjerna;
4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez stante li m'hi dovuta l-ebda somma lis-socjeta attrici kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Victor Debono fejn irrileva illi:-

1 Huwa kien gie avvicinat minn certu Godwin Aquilina li offrielu li jibieghu xi kotba
2 Huwa ma kienx interessat u ghalhekk irrifjuta li jixtrihom
3 Mandankollu Godwin Aquilina insista li huwa jiffirma xi karta minghajr ma spjegalu xejn, ghajr li jekk ma jridx jaccetta l-kotba huwa jista' jibghat din il-kart lura;
4 Huwa fil-fatt irritorna din il-kart lura fit-terminu li qallu Godwin Qauilina, u b'hekk rega' ikkonfermalu li ma xtaqx jixtri l-kotba in kwistjoni;
5 Ghall kuntrarju ta' dak li ddikjarat is-socjeta attrici, huwa qatt ma rcieva kotba, la minghand Godwin Aquilina u lanqas minghand l-istess socjeta attrici;
6 Huwa informa diversi drabi kemm lis-socjeta attrici kif ukoll lil Godwin Aquilina, sew qabel ma ffirma karti kif ukoll wara, li qatt ma kienet l-intenzjoni tieghu li jixtri xi kotba, u li kwalsiasi ordni li seta' ghamel saret sforzatament minhabba l-insistenza ta' Godwin Aquilina;
7 Inoltre kwalsiasi ordni li seta' ghamel il-konvenut giet debitament ikkancellat;
8 Ghaldaqstant huwa m'ghandu jaghti xejn lis-socjeta attrici.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-kontendenti

Rat l-atti kollha tal-processi; u

Ikkunsidrat:-

Bl-ewwel eccezzjoni tieghu, il-konvenut eccepixxa li t-talba attrici hija preskritta bl-iskadenza tat-18 (tmintax) il-xahar a tenur tal-Artikolu 2148 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kif dejjem gie ritenut il-preskrizzjoni tibda tiddekorri minn meta l-kreditur setgha jezercita' l-azzjoni. Fil-kaz odjern il-

kumpanija attrici qedgha titlob b'dawn il-proceduri gudizzjarji li tigi kannonizzata kreditrici fis-somma ta' tlett mija u hamsa u tletin lira Maltin (Lm335) prezz ta' kotba mibjughin lill-konvenut fit-18 ta' Gunju tal-1997.

Fl-istess ftehim l-konvenut kien gie moghti l-beneficcju tat-terminu ghal hlas permezz ta' rati mensili egwali u konsekuttivi ta' Lm10 (ghaxar il-lira Maltin) il-wahda b'effett mit-18 t'Awissu tal-1997 u bil-kundizzjoni li f'nuqqas ta' xi osservanza ta' xi kundizzjoni, kompriza dik ta'l-obbligu tal-hlas tar-rati fil-pront, il-kumpanija kellha d-dritt li titlob l-ammont kollu li jkun dovut.

Ghalhekk kien biss fit-18 t'Awissu tal-1997, meta ma thallsitx l-ewwel rata dovuta mill-konvenut, illi l-kumpanija attrici kienet kisbet id-dritt li tesigi l-prezz kollu dovut mill-konvenut u setghet ghalhekk tezercita l-azzjoni odjerna.

Ghalhekk din l-azzjoni illum ezercitata mill-kumpanija attrici, setghet tigi ezercitata biss wara t-18 t'Awissu tal-1997 u mhux qabel.

Ghalhekk minghajr ma hemm bzonn li ssir indagni dwar l-applikabbilita' o meno tal-preskrizzjoni specifika sollevata mill-konvenut, jirrizulta illi l-preskrizzjoni eccepita ta' (18) tmintax il-xahar kienet ghada ma ddekorritx mal-prezentata tal-avviz, intavolat fit-18 ta' Jannar tal-1999, u l-istess avviz ghalhekk jirrizulta li gie ntavolat entro sew it-(18) tmintax il-xahar.

Ghaldaqstant il-Qorti tirrespingi l-ewwel (1) eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni.

Dwar it-(2) tieni eccezzjoni, fejn il-konvenut qieghed jallega li l-gudizzju mhux integru, ghandhu jigi sollevat mill-ewwel illi minn imkien ma jirrizulta li l-atturi qeghdin jagixxu kontra l-komunjoni tal-akkwisti li tista' tkun tezisti bejn il-konvenut u marthu, anzi huwa l-konvenut wahdu li gie citat u dan a bazi tal-kuntratt ta' bejgh li gie miftiehem ma' l-konvenut esklussivament.

Ghalhekk l-atturi mhumiex qed jippretendu illi d-dejn li tieghu qeghdin jesigu l-hlas ghandhu jkun dejn tal-komunjoni tal-akkwisti, anzi sewwa eskludew lill-mart il-konvenut minn dawn il-proceduri.

Infatti l-bejgh tal-kotba in kwistjoni miftiehem biss mall-konvenut wahdu jimplika li l-komunjoni tal-akkwisti setghet ma kienetx marbuta bil-ftehim.

Infatti l-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tas-16 t'Ottubru tal-1998, fil-kawza fl-ismijiet "Godfrey Aquilina nomine vs Joseph u Mary konjugi Falzon" kienet irritenit hekk:

*"Naraw ghalhekk jekk kinitx mehtiega l-firma tal-konvenut Joseph Falzon fuq il-ftehim ghax-xiri tal-kotba, jew kinitx bizzejjed il-firma ta' martu l-konvenuta l-ohra biex torbot lill-komunjoni ta' l-akkwisti.*

*L-Art 1322 tal-Kodici Civili jghid li l-amministrazzjoni ordinarja ta' l-akkwisti tmiss lil kull wiehed jew wahda mill-mizzewgin, waqt li l-amministrazzjoni straordinarja tmiss liz-zewg mizzewgin flimkien. Ghalhekk irridu naraw jekk ix-xiri tal-kotba kienx att ta' amministrazzjoni ordinarja jew straordinarja.*

*Fost l-atti li jitqiesu ta' amministrazzjoni straordinarja, l-Art. 1322 (3), para (g) isemmi:*

*(g) l-akkwist ta' proprjeta mobbli jew ta' xi jedd ta' uza jew tgawdija ta' xi proprjeta mobbli jew immobbli li l-prezz tieghu ma jithallasx mal-konsenja jew qabel, izda dan ma japplikax ghal xi dejn maghmul ghall-htigiet tal-familja skond il-paragrafu (5) ta' l-Artikolu 1327, jew ghall-kiri ta' mobbli jew immobbli meta l-prezz tieghu jkun moderat meta tqabblu mal-kondizzjoni tal-familja u l-kirja tkun ghal zmien qasir.*

*Fil-kaz tallum il-prezz tal-kotba kellu jithallas bin-nifs; ghalhekk, biex id-dejn jorbot lill-komunjoni rridu naraw jekk ghal dan id-dejn ighoddx dak li jghid il-paragrafu(c) tal-Art. 1327:*

*1327. Bla hsara ghad-disposizzjoniiet ta' l-Artikolu 1329, il-beni li jkunu parti mill-komunjoni tal-akkwisti jbatu biss id-djun li gejjin:*

*(a) …………….. omissis………*

*(b)…………….omissis………*

*(c) L-ispejjez u l-obbligi, ukoll jekk isiru separatament, ghall-htigijiet tal-familja maghduda dawk ghall-edukazzjoni u trobbija ta' l-ulied;*

……………………………………………………
……………………………………………………

*Ghalhekk, billi ma ngiebet ebda xiehda biex turi li l-kotba kienu b'xi mod mehtiega ghall-edukazzjoni ta' l-ulied, l-ewwel parti ta' l-eccezzjoni serja tintlaqa' fis-sens li d-dejn ghall-prezz tal-kotba ma hux dejn tal-komunjoni.*

Il-konvenut ghalhekk huwa dejjem marbut ghall-kuntratt li ffirma izda dan bil-beni parafernali tieghu.

Ghaldaqstant il-Qorti qedgha tichad din it-tieni (2) eccezzjoni sollevata mill-konvenut.

Fir-rigward tat-tielet (3) eccezzjoni giet esebita id-debita prokura favur Godfrey Aquilina fejn gie awtorizzat jiehu passi gudizzjarji f'isem il-kumpanija attrici u ghalhekk din l-eccezzjoni ma timmeritax ezami ulterjuri.

Fil-mertu l-konvenut jaccetta li ma ghamel ebda pagament mifthem anzi isosstni li ma hu dovut xejn lill-atturi..

Kif jirrizulta mid-dikjarazzjoni tieghu dan ghamlu mhux ghaliex qed jikkontesta l-validita' tal-kuntratt minnhu ffirmat fit-18 ta' Gunju tal-1997 izda ghaliex isosstni li l-istess kuntratt gie validament ikkancellat bl-ispedizzjoni tal-'cancellation form' entro t-terminu ta' hmistax (15) il-

jum stipulat fl-istess kuntratt u kif kien jiddisponi fl-1997 l-Artikolu 8 tal-Kap 317 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dan l-Artikolu 8 fi zmien tal-ftehim in kwistjoni kien jipprovdi illi:

*8(1) Kuntratt maghmul fuq l-ghatba tal-bieb ma jkunx jorbot u konklusiv jekk danikun kancellat skond kif hawn iktar 'il-quddiem ipprovdut.*

*(2) Kancellament ta' kuntratt maghmul fuq l-ghatba tal-bieb isir bil-kunsinna, sew bl-idejn jew permezz ta' ittra registrata fl-indirizz permanenti tal-bejjiegh bieb b'bieb jew ta' minn jipjegah, ta' dikjarazzjoni ta' kancellament iffirmata mill-konsumatur.*

*(3) Id-dikjarazzjoni ta' kancellament ghandha tkun skond il-formola kif murija fl-Iskeda li tinstab ma dan l-Att. Il-formola ta' kancellament ghandha tinhemez mal-kopja ta' l-iskrittura privata li tinzamm mill-konsumatur, u jekk il-konsumatur jaghzel lijikkancella kuntrtt maghmul fuq ghatba tal-bieb huwa ghandu jiffirma dik il-formola u jikkunsinnaha lill-bejjiegh bieb b'bieb jew lil min jimpjegah fi zmien hmistax-il-gurnata mid-data ta' l-iskrittura privata jew fi zmien dak ilperjodu itwal li jista' jigi stipulat fl-iskrittura privata.*

Mill-provi prodotti mill-istess konvenut pero jirrizulta li l-provvedimenti ta' dan l-artikolu ma kienux gew osservati minnhu u ghalhekk ma jistghax jippretendi li ghandhu jibbenefika minn dan il-privilegg lilhu akkordat fejn setgha unilateralment jikkancella kuntratt validu ta' bejgh miftiehem ma terza persuna.

Infatti, irrespettivament mill-kwistjoni jekk il-busta spedita mill-konvenut waslitx ghand il-bejgh sat-3 ta' Lulju 1997, ossia fi (15)hmistax il-jum, il-konvenut la iffirma d-dikjarazzjoni ta' kancellament u lanqas ma ghamel il-kunsinna personalment jew bil-posta registrata.

Il-konvenut qatt ma jistgha jkun gustifikat li juza procedura ohra oltre dik specjali u preciza dettata mill-ligi applikabbli

fiz-zmien tal-kuntratt. Inoltre bin-nuqqas ta’ registrazzjoni l-konvenut ipprekluda ruhu minn kull prova ta’ ottempranza mat-terminu applikabbli ghal kunsinna.

Lanqas ma tirrizulta sufficjentement l-allegazzjoni biss tal-konvenut li ma fehemx sew it-termini tal-kuntratt, jew li kien iffirma l-istess kuntratt taht pressjoni.

Il-privilegg specjali ta’ kancellament unilaterali fit-terminu ta’ (15) hmistax il-jum huwa appuntu intiz biex jakkorda zmien lix-xerrej sabiex jifhem sew u jekk hemm bzonn jiehu parir dwar il-ftehim tal-bejgh li jkun iffirma u dwar il-kundizzjonijiet kollha relattivi; kif ukoll b’dan l-istess privilegg ix-xerrej ikun inghata wkoll il-fakolta’ li jikkunsidra bil-kalma jekk jkunx irid jonora l-istess ftehim li jkun iffirma.

L-irresponsabbilta’ tal-konvenut u marthu li ma ndenjawx li almenu jaqraw il-kuntratt ma tistax isservi ta’ gustifikazzjoni biex huma jkunu jistghu jevitaw l-effetti ta’ ftehim validu li lahqu ma terzi persuni.

Fl-ahharnett, fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu, il-konvenut jippretendi li n-nuqqas ta’ konsenja ta’ kotba timplika ratifika tal-kancellament pretiz u tipprekludi lill-attur milli jesigi l-prezz, izda l-provi jistabbilixxu anzi li l-kunsinna tal-kotba kienet effettivament saret skond il-ftehim izda dawn il-kotba kienu gew rifjutati u lanqas ma giet ikkontestata d-deposizzjoni guramentata ta’ Godfrey Aquilina li dawn il-kotba gew effettivament u kontestwalment mal-avviz depositati favur il-konvenut taht l-awtorita tal-Qorti.

Ghaldaqstant issib illi l-ebda wahda mill-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut ma timmerita li tigi milqugha u konsegwentement qeghda tirrespingi dawn l-eccezzjonijiet u tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ghar-ragunijiet indikati fl-avviz huwa hallas lis-socjeta attrici s-somma mitluba ta’ Lm335 (tlett mija u hamsa u tletin lira Maltin) filwaqt illi tiddikjara illi dan l-ammont kollu huwa dovut peress illi l-konvenut iddekada mill-beneficju

tat-terminu ghal-hlas lilhu koncess bil-kuntratt minhabba li naqas li jhallas ir-rati mensili pattwiti kif obbligat.

Il-konvenut huwa kkundannat ukoll sabiex ihallas l-imghaxijiet legali b'effett mit-12 ta' Jannar tal-1999;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------